

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Teħid Ta' Azzjoni Legali](#) > [Fejn U Kif](#) > [Kif Tressaq Kawża Quddiem Il-qorti](#) > [Poland](#)

Kif tressaq kawża quddiem il-qorti

 Polonja

Il-kontenut ipprovdut minn



European Judicial Network
(in civil and commercial matters)

1 Hemm bżonn li mmur il-qorti jew teżisti alternattiva oħra?

Minflok tressaq kawża quddiem qorti tista' tmur għal proċedimenti ta' medjazzjoni (l-Artikolu 183 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili - "KPC"). Medjazzjoni hija metodu ekstraġudizzjarju (amikevoli) ta' soluzzjoni għat-tilwim, bil-parteċipazzjoni ta' persuna jew istituzzjoni indipendenti u kkwalifikata (medjatur). Il-proċedimenti ta' medjazzjoni huma volontarji (parti fit-tilwima tista' fi kwalunkwe ħin iżżomm il-kunsens għall-medjazzjoni u tirtira mill-medjazzjoni) u kunfidenzjali (il-parteċipanti huma obbligati li jżommu l-informazzjoni miksuba matul il-medjazzjoni kunfidenzjali), u l-medjaturi huma imparzjali u indipendenti (huma ma jiġdux in-naħa ta' parti jew ta' oħra u fil-prinċipju ma jissuġġerixxu ebda soluzzjoni għat-tilwima).

2 Hemm limitu ta' żmien biex inressaq każ il-qorti?

B'mod ġenerali, l-azzjonijiet jistgħu jiġu ddepożitati mal-qorti fi kwalunkwe ħin, sakemm ma jkunx hemm regolamenti speċjali li jipprevedu terminu. Madankollu, parti li tiddepożita azzjoni wara l-iskadenza tal-perjodu ta' limitazzjoni tal-pretensjoni turriskja li titlef il-kawża jekk il-parti l-oħra ssostni li l-azzjoni hija preskritta.

Il-perjodi ta' limitazzjoni (terminy zawite) japplikaw skont il-liġi Pollakka. In-natura speċifika ta' perjodu ta' limitazzjoni tfisser li jekk il-parti intitolata tonqos milli twestaq azzjoni speċifika fil-perjodu ta' limitazzjoni, id-dritt tal-parti li twestaq dik l-azzjoni speċifika jiskadi. Il-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili (KPC, Kodeks postępowania cywilnego) ma fih ebda dispożizzjoni ġenerali li tirregola l-perjodi ta' limitazzjoni, iżda jindika dawk il-perjodi fir-regolamenti li jikkonċernaw sitwazzjonijiet speċifiċi.

L-iskadenza tad-dritt bħala riżultat tal-iskadenza tal-perjodu ta' limitazzjoni hija vinkolanti fuq il-partijiet għar-relazzjoni legali, il-qorti jew awtorità oħra li teżamina l-kawża. L-awtorità tqis dan b'mod awtomatiku, mhux fuq talba ta' parti jew bħala riżultat ta' motiv imqajjem. Il-perjodu ta' limitazzjoni jista' jerġa' jibda jiddekorri biss f'ċirkostanzi eċċezzjonali, meta n-nuqqas li dan jintlaħaq ma kienx tort tal-parti (l-Artikolu 168 tal-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali).

3 Għandi mmur quddiem qorti f'dan l-Istat Membru?

Sabiex jiġi stabbilit jekk qorti fit-territorju ta' Stat Membru partikolari hijiex kompetenti biex tisma' kawża speċifika, għandha tiġi ddeterminata l-ġurisdizzjoni ta' dik il-qorti.

Il-ġurisdizzjoni ġenerali tal-qorti ordinarji fil-Polonja sabiex jaqtagħu kawżi ċivili fit-territorju tagħha hija msejħa ġurisdizzjoni nazzjonali u hija rregolata mill-KPC (l-Artikolu 1103 *et seq.*).

Il-kawżi li jridu jinstemgħu huma soġġetti għall-ġurisdizzjoni nazzjonali jekk il-konvenut ikun domiċiljat jew abitwalment residenti fil-Polonja jew ikollu l-uffiċċju rreġistrat tiegħu fil-Polonja.

Barra minn hekk, il-ġurisdizzjoni nazzjonali hija tal-qorti Pollakki fil-kawżi li ġejjin:

- matrimonjali (il-ġurisdizzjoni nazzjonali tkun esklużiva jekk iż-żewġ konjuġi jkunu ċittadini Pollakki u jkunu domiċiljati u abitwalment residenti fil-Polonja);
- dawk li jikkonċernaw ir-relazzjoni bejn il-ġenituri u t-tfal (il-ġurisdizzjoni nazzjonali tkun esklużiva jekk il-partijiet kollha jkunu ċittadini Pollakki u jkunu domiċiljati u abitwalment residenti fil-Polonja);
- dawk li jikkonċernaw il-manteniment u li jirrigwardaw l-istabbiliment tal-filjazzjoni ta' wild (huma jkunu soġġetti għall-ġurisdizzjoni nazzjonali jekk l-attur ikun parti intitolata domiċiljata jew abitwalment residenti fil-Polonja);
- dawk li jikkonċernaw il-liġi tax-xogħol (il-kawżi li fihom l-attur ikun impjegat ikunu soġġetti għall-ġurisdizzjoni nazzjonali jekk ix-xogħol ġeneralment jitwettaq, twettaq jew kellu jitwettaq fil-Polonja);
- dawk li jikkonċernaw l-assigurazzjoni (il-kawżi li jikkonċernaw relazzjoni ta' assicurazzjoni u li jitressqu kontra l-assiguratur ikunu soġġetti għall-ġurisdizzjoni nazzjonali jekk l-attur ikun domiċiljat fil-Polonja jew jekk ikun hemm element ieħor li jindika l-ġurisdizzjoni territorjali tal-Polonja);
- dawk li jikkonċernaw il-konsumaturi (il-kawżi li fihom konsumatur ikun l-attur ikunu soġġetti għall-ġurisdizzjoni nazzjonali jekk il-konsumatur ikun domiċiljat jew abitwalment residenti fil-Polonja u jkun wettaq l-azzjonijiet meħtieġa sabiex jidħol fi ftehim fil-Polonja; f'kawżi bħal dawn, il-parti l-oħra fil-ftehim mal-konsumatur tiġi ttrattata bħala entità domiċiljata jew bl-uffiċċju rreġistrat tagħha fil-Polonja jekk hija jkollha impriża jew fergħa fil-Polonja u l-ftehim mal-konsumatur ikun ġie konkluż bħala parti min-negozju ta' dik l-impriża jew il-fergħa).

Il-qrati Pollakki għandhom ukoll ġurisdizzjoni nazzjonali esklużiva fuq:

- kawżi dwar drittijiet in rem għall-proprjetà immobbli u l-pussess ta' proprjetà immobbli li tinsab fil-Polonja; kawżi dwar lokazzjoni (*najem* jew *dzierżawa*) u relazzjonijiet oħrajn li jinvolvu l-użu ta' tali proprjetà immobbli (ħlief għall-kawżi dwar kera u ammonti oħrajn dovuti għall-użu jew għall-kisba ta' beneficiċċi mill-proprjetà immobbli); kawżi oħrajn fejn id-deċiżjoni tal-qorti tikkonċerna drittijiet *in rem*, il-pussess, jew l-użu ta' proprjetà immobbli li tinsab fil-Polonja;
- kawżi għax-xoljiment ta' persuna ġuridika jew unità organizzattiva li mhijiex persuna ġuridika, kif ukoll għat-tħassir jew l-annullament ta' riżoluzzjonijiet tal-korpi ta' governanza tagħhom, jekk il-persuna ġuridika jew l-unità organizzattiva li ma tkunx persuna ġuridika jkollha l-uffiċċju rreġistrat tagħha fil-Polonja.

Barra minn hekk, jekk il-ġurisdizzjoni nazzjonali tkopri kawża mressqa skont it-talba ewlenija, din il-ġurisdizzjoni tkopri wkoll il-kontrotalba.

Il-partijiet f'relazzjoni legali speċifikata jistgħu jaqblu bil-miktub li jippreżentaw il-kwistjonijiet li jikkonċernaw id-drittijiet tal-proprjetà li jinħolqu jew li jistgħu jinħolqu mir-relazzjoni lill-ġurisdizzjoni tal-qrati Pollakki.

Il-qorti tqis awtomatikament in-nuqqas ta' ġurisdizzjoni nazzjonali f'kull stadju tal-kawża.

Jekk jinstab li l-ġurisdizzjoni nazzjonali ma tapplikax, il-qorti tirrifjuta t-talba jew ir-rikors.

In-nuqqas ta' ġurisdizzjoni nazzjonali huwa raġuni għall-invalidità tal-proċedimenti.

4 Jekk iva, f'liema qorti partikolari f'dan l-Istat Membru għandi nirrikorri, skont fejn ngħix jien u fejn tgħix il-parti l-oħra, jew skont elementi oħrajn tal-każ tiegħi?

Sabiex jiġi stabbilit liema qorti distrettwali (sąd rejonowy) jew qorti reġjonali (sąd okręgowy) hija kompetenti biex tisma' l-kawża, għandha tiġi kkunsidrata l-ġurisdizzjoni territorjali tal-qorti. Skont il-liġi Pollakka, aħna nagħmlu distinzjoni bejn ġurisdizzjoni territorjali ġenerali, ġurisdizzjoni territorjali alternattiva u ġurisdizzjoni territorjali esklużiva.

(a) ġurisdizzjoni territorjali ġenerali (l-Artikolu 27 *et seq.* tal-KPĊ).

B'mod ġenerali, l-azzjonijiet iridu jitressqu quddiem il-qorti tal-prim'istanza b'ġurisdizzjoni territorjali fuq id-domiċilju tal-konvenut (skont il-Kodiċi Ċivili, id-domiċilju ta' persuna fiżika huwa l-belt jew ir-raħal fejn tirrisjedi bl-intenzjoni li tibqa' fuq bażi permanenti). Jekk il-konvenut ma jkunx domiċiljat fil-Polonja, il-ġurisdizzjoni territorjali tiġi ddeterminata skont il-post tar-residenza tiegħu, u meta dak il-post ma jkunx magħruf jew ikun

barra mill-Polonja – skont l-aħħar domiċilju tal-konvenut fil-Polonja. L-azzjonijiet kontra t-Teżor tal-Istat iridu jittressqu fil-qorti b'ġuriżdizzjoni fuq l-uffiċċju rreġistrat tal-unità organizzattiva tal-Istat li tikkonċerna l-pretensjoni. L-azzjonijiet kontra persuna ġuridika jew entità oħra li ma tkunx persuna fiżika jridu jittressqu fil-qorti b'ġuriżdizzjoni fuq il-post fejn ikun jinsab l-uffiċċju rreġistrat ta' dik l-entità.

(b) ġuriżdizzjoni territorjali alternattiva (l-Artikolu 31 *et seq.* tal-KPĊ).

Abbażi tar-regolamenti dwar il-ġuriżdizzjoni territorjali alternattiva, l-atturi jistgħu – skont id-diskrezzjoni tagħhom – iressqu l-azzjoni quddiem il-qorti ta' ġuriżdizzjoni ġenerali jew quddiem qorti oħra speċifikata fil-leġiżlazzjoni bħala l-qorti kompetenti. Fil-proċeduri ċivili Pollakki, il-ġuriżdizzjoni territorjali alternattiva hija prevista f'kawżi: għal talba għal manteniment u għall-istabbiliment tal-filjazzjoni ta' wild; għal pretensjoni ta' proprjetà kontra entità ta' negozju;

dwar tilwimiet taħt kuntratti; għal pretensjoni ta' dannu; għall-ħlas ta' ammont dovut għat-trattament ta' kawża (tariffa li għandha tiġiħallas lil avukat); għal pretensjoni taħt lokazzjoni (*najem* jew *dzierżawa*) ta' proprjetà immobbli; dwar ċedola jew ċekk.

L-azzjonijiet għal talba għal manteniment u għall-istabbiliment tal-filjazzjoni ta' wild u talbiet relatati jistgħu jittressqu skont id-domiċilju tal-parti intitolata. L-azzjonijiet għal pretensjoni ta' proprjetà kontra entità ta' negozju jistgħu jittressqu quddiem il-qorti b'ġuriżdizzjoni fuq il-post fejn jinsabu l-kwartieri ġenerali jew il-fergħa, jekk il-pretensjoni tkun konnessa mal-attivitàjiet tal-kwartieri ġenerali jew ta' dik il-fergħa. L-azzjonijiet għall-konklużjoni ta' ftehim, l-istabbiliment tal-kontenut tiegħu, l-emendar ta' ftehim u l-istabbiliment tal-eżistenza ta' ftehim, għall-eżekuzzjoni, it-terminazzjoni jew l-annullament ta' ftehim, kif ukoll għat-talba għad-danni minħabba nuqqas ta' eżekuzzjoni jew ta' eżekuzzjoni kif suppost ta' ftehim jistgħu jittressqu quddiem il-qorti b'ġuriżdizzjoni fuq il-post tal-eżekuzzjoni tal-ftehim. Jekk ikun hemm xi dubji, il-post tal-eżekuzzjoni tal-ftehim għandu jiġi kkonfermat b'dokument. L-azzjonijiet għal pretensjoni ta' dannu jistgħu jittressqu quddiem il-qorti li l-avveniment li kkawża d-dannu jkun seħħ fil-ġuriżdizzjoni territorjali tagħha. L-azzjonijiet għall-ħlas ta' ammont dovut għat-trattament ta' kawża jistgħu jittressqu quddiem il-qorti li jkollha ġuriżdizzjoni fuq il-post fejn ir-rappreżentant legali ttratta l-kawża. L-azzjonijiet għal pretensjoni taħt lokazzjoni ta' proprjetà immobbli (*najem* jew *dzierżawa*) jistgħu jittressqu quddiem il-qorti b'ġuriżdizzjoni fuq il-post tal-proprjetà immobbli. L-azzjonijiet kontra parti obbligata taħt ċedola jew ċekk jistgħu jittressqu quddiem il-qorti b'ġuriżdizzjoni fuq il-post tal-ħlas. Diversi partijiet obbligati taħt ċedola jew ċekk jistgħu jiġu mfittxija b'mod konġunt quddiem il-qorti b'ġuriżdizzjoni fuq il-post tal-ħlas jew quddiem il-qorti b'ġuriżdizzjoni ġenerali għall-aċċettant jew l-emittent ta' ċedola jew ta' ċekk.

(c) ġuriżdizzjoni territorjali esklużiva (l-Artikolu 38 *et seq.* tal-KPĊ).

Id-dispożizzjonijiet li jirregolaw il-ġuriżdizzjoni territorjali esklużiva huma obbligatorji. Huma jeskludu, f'ċerti kategoriji ta' kawżi, il-possibbiltà li titressaq azzjoni quddiem il-qorti ta' ġuriżdizzjoni ġenerali u wkoll quddiem il-qorti ta' ġuriżdizzjoni alternattiva, kif ukoll il-possibbiltà li l-kawża għal riżoluzzjoni tiġi riferuta lil qorti oħra permezz ta' ftehim ta' ġuriżdizzjoni. Fil-każ ta' ġuriżdizzjoni esklużiva, qorti waħda biss minn fost il-qorti tal-istess livell hija kompetenti biex tisma' kawża speċifika. Skont it-tip tal-kawża, din tkun qorti reġjonali jew distrettwali speċifika.

L-azzjonijiet għas-sjieda jew drittijiet in rem oħrajn fuq proprjetà immobbli, kif ukoll għall-pussess ta' proprjetà immobbli, jistgħu jittressqu quddiem il-qorti b'ġuriżdizzjoni fuq il-post fejn tinsab il-proprjetà immobbli. Jekk is-suġġett tat-tilwima jkun servitù tal-art, il-ġuriżdizzjoni tiġi ddeterminata skont il-post fejn tinsab il-proprjetà gravata. Il-ġuriżdizzjoni msemmija qabel tinkludi pretensjonijiet personali relatati ma' drittijiet *in rem* u drittijiet segwiti b'mod konġunt ma' dawk il-pretensjonijiet kontra l-istess konvenut. L-azzjonijiet dwar suċċessjoni, sehem riżervat, kif ukoll legati, struzzjonijiet jew dispożizzjonijiet testamentarji oħrajn, jistgħu jittressqu biss quddiem il-qorti b'ġuriżdizzjoni fuq l-aħħar post ta' residenza abitwali tat-testatur, u jekk ma tkunx tista' tiġi stabbilita r-residenza abitwali tat-testatur fil-Polonja, quddiem il-qorti b'ġuriżdizzjoni fuq il-post tal-wirt jew parti minnu. L-azzjonijiet dwar is-sħubija f'kooperattiva, sħubija, kumpanija jew assoċjazzjoni jistgħu jittressqu biss quddiem il-qorti b'ġuriżdizzjoni fuq il-post fejn jinsab l-uffiċċju rreġistrat. L-azzjonijiet dwar relazzjoni ta' żwieġ jistgħu jittressqu biss quddiem il-qorti li fil-ġuriżdizzjoni territorjali tagħha kienu domiċiljati l-aħħar il-konjuġi, anki jekk xi ħadd minnhom ikun għadu domiċiljat jew abitwalment residenti f'dik il-ġuriżdizzjoni. Fin-nuqqas ta' tali bażi, il-qorti b'ġuriżdizzjoni esklużiva hija l-qorti b'ġuriżdizzjoni fuq id-domiċilju tal-konvenut u, fin-nuqqas ukoll ta' dik il-baży - il-qorti b'ġuriżdizzjoni fuq id-domiċilju tal-attur. L-azzjonijiet dwar relazzjoni bejn il-ġenituri u t-tfal u bejn l-adottant u l-persuna adottata jistgħu jittressqu b'mod esklużiv quddiem il-qorti b'ġuriżdizzjoni fuq id-domiċilju tal-attur, diment li ma jkun hemm ebda baży għall-preżentata ta' azzjoni skont id-dispożizzjonijiet ta' ġuriżdizzjoni

ġenerali.

Barra minn hekk, jekk il-ġuriżdizzjoni ta' diversi qrati tkun ġustifikata jew jekk l-azzjoni titressaq kontra diversi partijiet li għalihom huma kompetenti diversi qrati skont il-leġiżlazzjoni dwar il-ġuriżdizzjoni ġenerali, l-attur jista' jagħżel minn fost dawk il-qrati. L-istess japplika jekk il-proprjetà immobbli, li l-post tagħha huwa l-bażi għad-determinazzjoni tal-ġuriżdizzjoni tal-qorti, tkun tinsab f'diversi żoni ta' ġuriżdizzjoni. Jekk il-qorti kompetenti ma tkunx tista' tisma' l-kawża jew tiegħu passi oħrajn minħabba ostaklu, il-qorti superjuri tagħha taħtar qorti oħra f'sessjoni fil-magħluq. Jekk, skont id-dispożizzjonijiet tal-KPĊ, ma tkunx tista' tiġi stabbilita ġuriżdizzjoni territorjali fuq il-bażi taċ-ċirkostanzi tal-każ, il-Qorti Suprema (Sąd Najwyższy) taħtar il-qorti li għandha titressaq l-azzjoni quddiemha f'sessjoni fil-magħluq. Il-partijiet jistgħu jaqblu bil-miktub li jippreżentaw tilwima diġà eżistenti, jew kwalunkwe tilwimiet li jistgħu jirriżultaw fil-futur minn relazzjoni legali speċifikata, lil qorti tal-prim'istanza li ma għandha ebda ġuriżdizzjoni territorjali skont il-liġi. Dik il-qorti mbagħad ikollha ġuriżdizzjoni esklużiva, sakemm il-partijiet ma jkunux qablu mod ieħor jew sakemm l-attur ma jkunx ippreżenta dikjarazzjoni ta' pretensjoni fi proċedura elettronika permezz ta' ordni ta' ħlas (elektroniczne postępowanie upominawcze, EPU). Il-partijiet jistgħu wkoll jillimitaw, permezz ta' ftehim bil-miktub, id-dritt tal-attur li jagħżel minn fost diversi qrati kompetenti għal tali tilwimiet. Madankollu, il-partijiet ma jistgħux ibiddlu ġuriżdizzjoni esklużiva.

5 Għal liema qorti partikolari għandi nirrikorri f'dan l-Istat Membru, skont in-natura tal-każ tiegħi u l-ammont mitlub?

Il-ġuriżdizzjoni materjali tal-qrati ordinarji (*sądy powszechne*) tar-Repubblika tal-Polonja hija rregolata mid-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili (l-Artikolu 16 *et seq.*)

Fi proċeduri ta' qorti ċivili, il-qrati tal-prim'istanza huma qrati distrettwali u qrati reġjonali, filwaqt li l-qrati tat-tieni istanza huma qrati reġjonali u qrati tal-appell (*sądy apelacyjne*).

Fil-prinċipju, il-kawżi ċivili jinstemgħu fil-prim'istanza mill-qrati distrettwali, sakemm il-ġuriżdizzjoni ma tkunx riżervata għall-qrati reġjonali.

Il-qrati reġjonali għandhom ġuriżdizzjoni fil-prim'istanza fuq il-kawżi elenkati fl-Artikolu 17 tal-KPĊ, jiġifieri:

- għal drittijiet mhux ta' proprjetà (u pretensjonijiet ta' proprjetà mfittxija flimkien ma' dawk id-drittijiet), ħlief għall-kawżi sabiex tiġi stabbilita jew ikkontestata l-filjazzjoni ta' wild, il-kawżi għall-annullament ta' rikonoxximent tal-paternità u għax-xoljiment ta' adożzjoni;
- għal pretensjonijiet skont il-Liġi tal-Istampa;
- għad-drittijiet tal-proprjetà fejn il-valur tas-suġġett tat-tilwima jkun ta' aktar minn PLN 100,000 (ħlief għal kawżi ta' manteniment, kawżi ta' spoll, kawżi għall-istabbiliment tas-separazzjoni tal-proprjetà tal-konjuġi, kawżi għall-allinjament tal-kontenut ta' reġistru tal-artijiet mal-istatus ġuridiku attwali u kawżi eżaminati fi proċedura elettronika permezz ta' ordni ta' ħlas);
- għall-ħruġ ta' sentenza minflok riżoluzzjoni sabiex issir diviżjoni ta' kooperattiva;
- għat-tħassir, għall-annullament jew għall-istabbiliment tan-nuqqas ta' eżistenza ta' riżoluzzjonijiet tal-korpi ta' governanza ta' entitajiet ġuridiċi jew ta' unitajiet organizzazzjonali li ma humiex persuni ġuridiċi iżda li ngħataw personalità ġuridika bil-liġi;
- għall-kumpens minħabba l-ħsara kkawżata bil-ħruġ ta' sentenza finali illeċita.

Taħt il-liġi fis-seħħ attwalment, il-kawżi tal-proprjetà intellettuali huma eżaminati fi proċedimenti separati (l-Artikolu 479(89) *et seq.* tal-KPĊ). Skont l-Artikolu 490(90)(1) tal-KPĊ, il-kawżi tal-proprjetà intellettuali huma fil-ġuriżdizzjoni tal-qrati reġjonali, filwaqt li l-Qorti Reġjonali ta' Varsavja għandha ġuriżdizzjoni esklużiva fil-kawżi tal-proprjetà intellettuali rigward is-software tal-kompjuter, l-invenzjonijiet, il-mudelli ta' utilità, it-topografiji taċ-ċirkwiti integrati, il-varjetajiet tal-pjanti u l-kunfidenzjalità kummerċjali fi kwistjonijiet tekniċi.

Skont il-liġi fis-seħħ bħalissa, il-kawżi li jikkonċernaw il-prevenzjoni u l-projbizzjoni tal-kompetizzjoni żleali huma eżaminati fi proċedimenti separati f'kawżi tal-proprjetà intellettuali. Il-kawżi li jfittxu li jipprevjenu u jiġġieldu l-kompetizzjoni żleali huma fil-kompetenza tal-qrati reġjonali, filwaqt li l-kunfidenzjalità kummerċjali fi kwistjonijiet tekniċi hija fil-kompetenza tal-Qorti Reġjonali ta' Varsavja (*Sąd Okręgowy w Warszawie*).

6 Nista' nressaq il-każ waħdi jew għandi bżonn intermedjarju, bħal pereżempju avukat?

Fil-prinċipju, fi proċedimenti ċivili, il-partijiet u l-korpi ta' governanza tagħhom jew ir-rappreżentanti statutorji jistgħu jaġixxu quddiem il-qorti personalment jew permezz ta' rappreżentanti legali.

Madankollu, il-KPĊ jipprevedi rappreżentanza obligatorja minn avukat f'sitwazzjonijiet speċifikati. Fi proċedimenti quddiem il-Qorti Suprema, il-partijiet iridu jkunu rrappreżentati minn avukati (adwokati) jew konsulenti legali (radca prawny). F'kawżi li jikkonċernaw il-proprietà industrijali, iridu jkunu rrappreżentati wkoll minn avukati tal-privattivi (*rzecznik patentowy* - l-Artikolu 87(1) tal-KPĊ). Ir-rekwiżit ta' rappreżentanza japplika wkoll għall-passi proċedurali relatati mal-proċedimenti quddiem il-Qorti Suprema, meħuda quddiem qorti inferjuri. Ir-rekwiżit ta' rappreżentanza ma japplikax jekk il-proċedimenti jkunu jikkonċernaw rikors għal eżenzjoni mid-drittijiet tal-qorti, għall-ħatra ta' avukat jew konsulent legali, jew jekk il-parti, il-korp ta' governanza tagħha jew ir-rappreżentant statutorju jew ir-rappreżentant legali jkunu mħallef, prosekutur pubbliku, nutar jew professur tal-liġi jew inkella detentur ta' lawrja post-dottorali fil-liġi (*doktor habilitowany nauk prawnych*), kif ukoll jekk il-parti, il-korp ta' governanza tagħha jew ir-rappreżentant statutorju jkunu avukat jew konsulent legali jew konsulent tal-Kunsill Ġenerali għat-Teżor tal-Istat (*Prokuratoria Generalna Skarbu Państwa*).

7 Biex nibda l-każ, fejn irrid inressqu eżatt: fl-uffiċċju tal-informazzjoni, fl-uffiċċju tal-iskrivan tal-qorti jew quddiem xi amministrazzjoni oħra?

L-azzjonijiet għandhom jiġu ddepożitati mal-qorti kompetenti.

8 B'liema lingwa nista' nagħmel ir-rikors tiegħi? Nista' nippreżentah bil-fomm jew jeħtieġ li jsir bil-miktub? Nista' nibgħat ir-rikors bil-feks jew bil-posta elettronika?

Is-sottomissjonijiet iridu jiġu ppreżentati lill-qorti bil-Pollakk jew bi traduzzjoni għall-Pollakk mehmuża magħhom. Dikjarazzjoni ta' pretensjoni għandha tkun f'forma miktuba u tissodisfa r-rekwiżiti għal sottomissjonijiet bil-miktub (l-Artikolu 187 tal-KPĊ). Eċċezzjoni hija sitwazzjoni (li tikkonċerna l-liġi tax-xogħol u tas-sigurtà soċjali) li fiha impjegat jew persuna assicurata li jaġixxu mingħajr avukat jew konsulent legali jistgħu jippreżentaw azzjoni, il-kontenut ta' rimedji legali u sottomissjonijiet oħrajn verbalment lill-qorti kompetenti, li għandhom jiġu inklużi fir-reġistri (l-Artikolu 466 tal-KPĊ).

Meta jkun hekk previst minn dispożizzjoni speċjali jew ikun ġie deċiż li jiġu ppreżentati dokumenti permezz tas-sistema tal-ICT, is-sottomissjonijiet fil-kawża jiġu ppreżentati esklużivament permezz tas-sistema tal-ICT. Sottomissjonijiet li ma jkunux ġew ippreżentati permezz tas-sistema tal-ICT ma għandhomx effetti legali assoċjati skont il-liġi mal-preżentata ta' sottomissjoni lill qorti, li dwarhom il-qorti għandha tikkonsulta lill-parti li tippreżenta s-sottomissjoni. Huwa aċċettabbli li tagħżel li tippreżenta sottomissjonijiet permezz tas-sistema tal-ICT u tkompli tippreżentahom b'dak il-mod jekk it-teknoloġija disponibbli għall-qorti tippermetti dan. F'każ ta' nuqqas ta' preżentazzjoni ta' sottomissjoni permezz tas-sistema tal-ICT il-president jinnotifika lill-parti li tagħmel il-preżentazzjoni dwar l-invalidità tal-azzjoni tagħha (l-Artikolu 125 tal-KPĊ).

Fi proċedura elettronika permezz ta' ordni ta' ħlas, sottomissjoni tista' tiġi ppreżentata permezz tas-sistema tal-ICT.

9 Jeżistu formoli partikolari biex fuqhom tiftaħ kawża, jew jekk m'hemmx, kif għandi nippreżenta l-każ tiegħi? Hemm xi elementi li bilfors għandhom jiġi inklużi fil-fajl?

Dikjarazzjoni ta' pretensjoni trid tiġi ppreżentata fuq formoli uffiċjali biss jekk dan ikun previst minn dispożizzjoni speċjali (l-Artikolu 125 tal-KPĊ)

L-att promotur għandu:

- jindika l-qorti li lilha tkun ippreżentata d-dikjarazzjoni tat-talba jew ir-rikors (l-isem tal-qorti u s-sezzjoni, l-indirizz sħiħ);
- jindika b'mod ċar il-persuni involuti fil-kawża (l-attur, il-konvenut); rikorrent/parteciċpanti/; (l-ismijiet, il-kunjomijiet, in-numri PESEL, l-ismijiet ta' istituzzjonijiet (jekk applikabbli), l-indirizzi sħaħ), u, jekk applikabbli, l-ismijiet tar-rappreżentanti statutorji jew ir-rappreżentanti legali;
- jindika t-tip ta' sottomissjoni (eż. dikjarazzjoni tat-talba);
- jispeċifika s-sugġett tat-tilwima (it-talba);
- jispeċifika l-valur tas-suġġett tat-tilwima f'kawżi li jikkonċernaw drittijiet ta' proprjetà;
- jindika r-raġunijiet għat-talba u indikazzjoni ta' provi ta' sostenn (eż. testimonjanza ta' xhieda u tal-partijiet fil-proċedimenti, dokumenti);
- jinkludi tariffa tal-qorti (jekk it-talba/rikors huma soġġetti għal tariffa);
- jinkludi firma bil-miktub;
- jinkludi lista ta' annessi.

Id-dokumenti li għejjin għandhom ikunu mehmuża wkoll mad-dikjarazzjoni ta' pretensjoni:

- il-prokura jew kopja attestata tagħha (jekk id-dikjarazzjoni ta' pretensjoni tiġi ppreżentata minn rappreżentant legali);
- kopji tad-dikjarazzjoni ta' pretensjoni u tal-appendiċi tagħha, li għandhom jintbagħtu lill-partijiet li jipparteċipaw fil-kawża u, jekk id-dokumenti oriġinali tal-appendiċi ma jkunux għew ippreżentati lill-qorti, kopja waħda ta' kull wieħed għall-fajls tal-qorti (fi proċedura elettronika permezz ta' ordni ta' ħlas, għandhom jiġu mehmuża kopji attestati b'mod elettroniku tal-appendiċi mad-dikjarazzjoni ta' pretensjoni ppreżentata permezz tas-sistema ta' trażmissjoni tad-data).

Barra minn hekk, dikjarazzjoni ta' pretensjoni tista' tinkludi: rikors għal miżuri ta' prekawzjoni, għad-dikjarazzjoni tas-sentenza eżegwibbli immedjatament u għall-ipproċessar tal-kawża fin-nuqqas tal-attur; rikors relatat mat-tnejn tas-smiġħ (u b'mod partikolari rikorsi: biex jiġi xhieda u l-esperti maħtura mill-qorti indikati mill-attur biex jattendu s-seduta; biex titwettaq spezzjoni viżwali; biex il-konvenut jingħata struzzjonijiet biex jipprovi, għas-seduta, dokument miżmum mill-konvenut u li jkun neċessarju għas-smiġħ tax-xhieda, jew l-oġġett tal-ispezzjoni viżwali; biex jitlob il-produzzjoni ta' provi miżmuma minn qrati, uffiċċji jew parti terzi oħrajn għas-seduta).

10 Huwa meħtieġ li nħallas xi tariffi tal-qorti? Jekk iva, meta? Ikun jeħtieġ li nħallas avukat mal-preżentata tar-rikors?

Fil-prinċipju, it-tweġġiq tal-proċeduri tal-qorti jinvolvi spejjeż. L-ispejjeż tal-qorti jinkludu tariffi u spejjeż.

L-obbligu li tħallas l-ispejjeż tal-qorti huwa tal-parti li tiddepożita sottomissjoni lill-qorti (inkluża dikjarazzjoni ta' pretensjoni) li hija soġġetta għal tariffa jew tiġġenera spejjeż. Jekk it-tariffa dovuta ma titħallasx, il-qorti tħarrek lill-parti sabiex tħallasha fi żmien ġimgħa, inkella s-sottomissjoni tiġi rritornata (jekk is-sottomissjoni tkun ġiet iddepożitata minn parti domiċiljata jew li għandha l-uffiċċju rreġistrat tagħha barra l-pajjiż u li ma għandhiex rappreżentant fil-Polonja, it-terminu għall-ħlas tat-tariffa jkun ta' mill-inqas xahar). Wara l-iskadenza tat-terminu mingħajr ma tkun tħallset it-tariffa, il-qorti tirritorna s-sottomissjoni lill-parti. Sottomissjoni rritornata ma għandha ebda effett assoċjat skont il-liġi mal-preżentata ta' sottomissjoni lil qorti.

Jekk dispożizzjoni speċjali tistabbilixxi li sottomissjoni tista' tiġi ddepożitata biss permezz ta' sistema ta' trażmissjoni tad-data (il-proċedura EPU), is-sottomissjoni tiġi ddepożitata flimkien mal-ħlas tat-tariffa.

Is-sottomissjonijiet ippreżentati minn avukat, konsulent legali jew aġent tal-privattivi (jekk dawn ikunu soġġetti għal tariffa f'ammont fiss jew proporzjonali kkalkolat abbażi tal-valur tas-suġġett tat-tilwima speċifikat mill-parti) li ma jkunux tħallsu debitament jiġu rritornati mill-qorti mingħajr ma l-parti tintalab tħallas it-tariffa (l-Artikolu 130(2) tal-KPĊ). Il-parti tista' tħallas it-tariffa dovuta fi żmien ġimgħa. Jekk it-tariffa titħallas fl-ammont meħtieġ, is-sottomissjoni jkollha effetti legali mid-data li fiha kienet ippreżentata oriġinarjament. Effett bħal dan ma jseħx jekk is-sottomissjoni terġa' tiġi rritornata għall-istess raġuni.

Jekk rappreżentant legali professjonali jkun maħtur minn parti, kwistjonijiet rigward il-kumpens tal-avukat jew konsulent legali (bħall-ammont tat-tariffa u l-iskadenza għall-ħlas) għandhom jiġu speċifikati f'kuntratt li għandu jiġi konkluż bejn il-klijent u r-rappreżentant legali.

11 Nista' nitlob għajnuna legali?

Kemm il-persuni fiżiċi kif ukoll il-persuni ġuridiċi jistgħu jitolbu l-għajnuna legali – rappreżentant legali maħtur mill-qorti sabiex jittratta l-kawża (*pełnomocnik z urzędu*).

Il-persuni fiżiċi jistgħu jitolbu li jinħatar avukat jew konsulent legali jekk huma jippreżentaw dikjarazzjoni li tgħid li mhux se jkunu jistgħu jħallsu l-onorarju ta' avukat jew konsulent legali mingħajr tbatija għalihom infushom jew għall-familji tagħhom.

Il-persuni ġuridiċi (jew unitajiet organizzattivi oħrajn intitolati mil-liġi sabiex ikunu parti fil-proċeduri tal-qorti) jistgħu jitolbu li jinħatar avukat jew konsulent legali jekk juru li ma għandhomx biżżejjed fondi sabiex iħallsu l-onorarju ta' avukat jew konsulent legali.

Il-qorti tilqa' t-talba jekk hija ssib li l-parteċipazzjoni ta' avukat jew konsulent legali fil-kawża tkun meħtieġa.

Il-kwistjoni tal-eżenzjoni mill-ispejjeż u l-assenjazzjoni ta' rappreżentant legali maħtur mill-qorti f'tilwimiet transfruntieri hija rregolata mill-Att tas-17 ta' Diċembru 2004 dwar id-dritt għal għajnuna legali fi proċedimenti tad-dritt ċivili mwettqa fl-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea u dwar id-dritt għal għajnuna legali sabiex tilwima tissolva bonarjament qabel ma jinbdew il-proċedimenti (Ġurnal tal-Liġijiet 2022, entrata 284).

12 It-talba tiegħi minn liema mument titqies li nftetħet b'mod uffċjali? Nirċievi konferma mingħand l-awtoritajiet dwar jekk il-każ tiegħi ġiex ippreżentat korrettement jew le?

Azzjoni titressaq quddiem il-qorti malli tiġi ppreżentata d-dikjarazzjoni tal-pretensjoni. Il-KPĊ ma jipprevedi ebda ċertifikat li jikkonferma li l-kawża tressqet b'mod korrett quddiem il-qorti.

13 Ningħata informazzjoni preċiża dwar iż-żmien li fih ikunu ser isiru s-seduti sussegwenti (b'ħaż-żmien disponibbli għalija biex nidher)?

L-informazzjoni dwar il-passi pplanati jew imwettqa fil-kawża tista' tinkiseb mill-Uffiċċju tas-Servizz tal-Klijenti tal-Qorti (Biuro Obsługi Interesanta, BOI) tal-qorti rilevanti. Tista' tikseb informazzjoni dwar id-dati tas-sessjonijiet tal-qorti sussegwenti billi ċċempel fuq in-numru tal-Uffiċċju tas-Servizz tal-Klijenti speċifikat fuq is-sit web tal-qorti u tipprovdi n-numru tal-atti tal-kawża.

L-aħħar aġġornament: 16/09/2025

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.